malta biennale .art 2024

Under the Patronage of

His Excellency the President of Malta

and

unesco

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 8 ta' Marzu 2024

## Għadd ta' artisti rinomati internazzjonalment se jkunu qed iżewqu l-maltabiennale.art

Malli jiġi varat il-maltabiennale.art fit-13 ta' Marzu 2024, se jibda djalogu interessanti bejn l-arti kontemporanja u l-wirt storiku. Dan l-avveniment kulturali tant mistenni, li diġà qed jiġbed lejh attenzjoni internazzjonali, se jiġbor fih uħud mill-aqwa artisti kontemporanji minn madwar id-dinja, li lkoll jaħdmu f'diversi oqsma artistiċi, mill-pitturi u t-tpenġijiet għall-installazzjonijiet, l-iskulturi, il-video, u iktar. Din l-esebizzjoni li tipprovoka l-ħsieb, b'riflessjoni fuq it-tema "Baħar Abjad Imsaġar taż-Żebbuġ," għandha tisfida l-perspettivi globali fil-konfront tal-arti u s-soċjetà fil-Mediterran.

Fost it-80 artist mit-23 pajjiż li ħa jkunu qed jipparteċipaw f'dan l-avveniment, hemm grupp distint ta' artisti magħrufin globalment li kollettivament esebixxew ix-xogħlijiet tagħhom f'uħud mill-aqwa mużewijiet u avvenimenti kulturali madwar id-dinja. Ix-xogħlijiet ta' dawn l-artisti dehru fl-Istati Uniti, fl-Ewropa, fl-Amerka Latina, u lil hinn, u issa se jkunu qed iġibu t-talent u l-viżjoni inimitabbli tagħhom lejn Malta, fejn se jesebixxu xogħlijiet artistiċi u installazzjonijiet ikkurati f'uħud mill-iktar siti storiċi prestiġjużi fi gżiritina. B'hekk, dawn is-siti familjari se jiġu ttrasformati f'kuntesti ġodda.

"F'isem it-tim tal-maltabiennale.art, huwa unur u privileġġ kbir li nilqgħu fostna lil dawn il-viżjonarji mondjali waqt dan l-avveniment inawgurali fil-gżejjer Maltin. Dawn l-artisti kkontribwew vuċijiet u perspettivi uniċi għat-temi ewlenin tal-maltabiennale.art, u kull installazzjoni tistieden lill-udjenzi biex japprezzawha, jirriflettu fuq it-tifsira tagħha, u jipparteċipaw f'konverżazzjonijiet u djalogi interessanti mnebbħa mill-arti u s-siti storiċi ta' madwarhom. Bis-sehem ta' talent lokali u internazzjonali ta' kalibru għoli, nistgħu nassiguraw li se tkun esperjenza artistika u kulturali affaxxinanti li se tagħni u tispira lil dawk kollha li jattendu," qal Mario Cutajar, il-President u fundatur tal-maltabiennale.art.

Dawn huma wħud mill-artisti ewlenin li se jkunu qed jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom waqt il-maltabiennale.art:

- Tania Bruguera hija artista internazzjonali u attivista minn Kuba li permezz tal-prattiċi artistiċi u politiċi tagħha teżamina l-istrutturi tal-poter u l-effetti tagħhom fuq l-inġustizzja. Hija Lettriċi Anzjana fl-Università ta' Harvard u hija wkoll id-direttriċi u l-fundatriċi ta' INSTAR. Ġiet ippremjata bil-Premju Velázquez, bil-Premju Arnold Bode, bil-Premju Robert Rauschenberg, u bil-Premju Herb Alpert. Bruguera esebixxiet ix-xogħlijiet tagħha f'Documenta (2002, 2022), fil-Biennale ta' Venezja (2001, 2005, 2009, 2015), fil-Mużew Guggenheim, fil-MoMA, fit-Tate Modern, fl-MMK, u fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti ta' Havana. Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' Bruguera se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Bħall-Baħar, Aħna: Il-Mediterran bħala Korp Politiku.

- Austin Camilleri huwa artist Malti li, bla preferenzi ġerarkiċi, simultanjament joħloq il-pitturi, l-installazzjonijiet, l-iskulturi, il-videos, u t-tpenġijiet biex jippreżenta l-ideat tal-ħin u t-temporalità. Huwa influwenzat primarjament mill-istorja tal-arti, mill-kultura popolari, u mit-tradizzjonijiet tal-Punent. Esebixxa f'diversi wirjiet f'għadd ta' mużewijiet, galleriji privati, u spazji pubbliċi fl-Ewropa, fl-Amerka, u fl-Asja, kemm b'mod individwali kif ukoll bħala parti minn gruppi kollettivi. Ix-xogħlijiet tiegħu dehru wkoll fil-Biennale tal-Mediterran, fil-Biennale ta' Ostrale, u fil-Biennale ta' Venezja. Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' Camilleri se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Niddekolonizzaw lil Malta: Polifonija Aħna.

- Ibrahim Mahama juża t-trasformazzjoni ta' materjali differenti biex jesplora temi bħalma huma l-materjaliżmu, il-migrazzjoni, il-globalizzazzjoni, u l-iskambju ekonomiku. F'dawn l-aħħar snin, Mahama waqqaf proġett li jinkludi tliet spazji mmexxija mill-artisti: iċ-Ċentru għall-Arti Kontemporanja ta' Savannah (SCCA), ir-Red Clay, u n-Nkrumah Volini. Dawn jinsabu lkoll f'art twelidu, il-Ghana. Hu ppreżenta x-xogħlijiet tiegħu fuq skala internazzjonali fit-22 edizzjoni tal-Biennale ta' Sydney, fit-Triennale ta' Stellenbosch, fis-6 edizzjoni tal-Biennale ta' Lubumbashi, fis-56 u fit-58 edizzjoni tal-Biennale ta' Venezja, fil-Mużew ta' Tel Aviv f'Iżrael, fost oħrajn. Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' Mahama se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Niddekolonizzaw lil Malta: Polifonija Aħna.

- L-artist Guadalupe Maravilla, minn El Salvador, jibbaża l-prattika transdixxiplinari tiegħu fl-attiviżmu u fil-fejqan. Ix-xogħlijiet tiegħu, li ta' spiss juru kreaturi mitiċi u relikwarji mżejna, jeżaminaw kwistjonijiet bħall-migrazzjoni, il-mard, u t-trawma ġenerazzjonali, filwaqt li joħolqu ritwali ġodda ta' kura, fejqan, u riġenerazzjoni. Fost il-ħafna postijiet li laqgħu x-xogħlijiet tiegħu hemm il-MoMA f'New York, il-Mużew Solomon R. Guggenheim, il-Mużew Nazzjonali u Ċentru Artistiku Reġina Sofía, iċ-Ċentru tal-Arti Henie Onstad f'Oslo, fost oħrajn. Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' Maravilla se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Niddekolonizzaw lil Malta: Polifonija Aħna.
- POST DISASTER huwa kollettiv ta' artisti interdixxiplinarji mill-Italja li l-prattika tagħhom tlaqqa' flimkien azzjonijiet spazjali, performattivi, u editorjali. Ir-riċerka tagħhom tuża l-metafora tad-diżastru bħala lenti territorjali li biha jifhmu d-dinamiċi u t-tensjonijiet globali. Fl-2018, bdew ROOFTOPS, prattika spazjali kritika mtella' fuq il-bjut ta' Taranto fl-Italja; manifest għal belt li l-kriżi ekoloġika tagħha hija l-lenti li permezz tagħha investigaw ir-rwol tal-proċessi ta' estrazzjoni/produzzjoni f'relazzjoni mal-kuntest usa' Mediterranju. Ix-xogħlijiet tagħhom ġew ippremjati mill-Ministeru Taljan għall-Kultura (2021) u esebiti, fost oħrajn, fil-MAXXI ta' Ruma (2023), fil-Biennale tal-Arkitettura f'Venezja (2023), u fl-Università Ca' Foscari ta' Venezja (2022). Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' POST DISASTER se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Il-Kontropoter tal-Piraterija.

- L-artista Franċiża Laure Prouvost hija magħrufa għall-installazzjonijiet kumplessi bil-film li jtappnu d-distinzjoni bejn dak li hu fittizju u dak li hu reali. Hi rrappreżentat lil Franza fit-58 edizzjoni tal-Biennale ta' Venezja fl-2019 u pparteċipat fil-Biennale ta' Sydney fl-2020. Wirjiet b'xogħlijiet tagħha biss ittellgħu fil-Gallerija tal-Arti Charlottenborg fid-Danimarka, fil-MUHKA tal-Belġju, fil-Palazz ta' Tokyo f'Pariġi, fil-Mużew Bass f'Miami, fost oħrajn. Waqt il-maltabiennale.art, l-installazzjoni ta' Prouvost se tidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Bħall-Baħar, Aħna: Il-Mediterran bħala Korp Politiku.

- Pedro Reyes, mill-Messiku, ifassal proġetti kurrenti li jipproponu soluzzjonijiet interessanti għal għadd ta' problemi soċjali permezz ta' dawk li hu jsejjaħ Skulturi Soċjali. Wirjiet b'xogħlijiet tiegħu biss ittellgħu fis-SITE Santa Fe, fil-MARTa ta' Herford, fil-Mużew tal-Arti Kontemporanja ta' Monterrey, fl-MAAT f'Lisbona, fil-Mużew Tinguely f'Basel, fl-SCAD f'Georgia, f'Creative Time, fid-Dallas Contemporary, f'La Tallera, fl-ICA f'Miami, f'The Power Plant f'Toronto, fiċ-Ċentru tal-Arti Walker, fil-Mużew Guggenheim f'New

York, fis-CCA ta' Kitakyushu, fil-Mużew Bass, u fl-Istitut tal-Arti ta' San Francisco. Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' Reyes se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Il-Kontropoter tal-Piraterija.

- Cecilia Vicuña, miċ-Ċili, hija poetessa, artista, attivista, u filmmaker li x-xogħol tagħha jindirizza kwistjonijiet urġenti tad-dinja moderna, fosthom il-qerda ekoloġika, id-drittijiet umani, u l-omoġenizzazzjoni kulturali. Ix-xogħol tagħha ġie esebit fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti f'Santiago, fil-Mużew tal-Arti Kontemporanja ta' Tucson, fit-Tate Modern f'Londra, fil-Mużew Solomon R. Guggenheim, fost oħrajn. Waqt il-maltabiennale.art, ix-xogħol ta' Vicuña se jidher fil-Padiljun Prinċipali, taħt it-tema Il-Matriarkivju tal-Mediterran.

L-eċitament għal dawn ix-xahrejn ta' ċelebrazzjoni kulturali qed ikompli jiżdied hekk kif l-artisti qed jirfinaw u jżidu l-aħħar dettalji fl-installazzjonijiet tagħhom. Qabel il-kxif uffiċjali tax-xogħlijiet tal-artisti għall-pubbliku, se ssir ċerimonja inawgurali speċjali fit-12 ta' Marzu fis-Sala tat-Tron ġewwa l-Palazz tal-Gran Mastru, ippreseduta mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, Dr George Vella.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 8th March 2024

## maltabiennale.art set to shine with world-renowned artists

When maltabiennale.art launches on March 13, 2024, a fascinating conversation between contemporary art and heritage begins. This much-anticipated cultural event, which is already attracting global attention, boasts a stellar line-up of some of the world's foremost contemporary artists working in diverse artistic vocabularies, ranging from painting and drawing to installation, sculpture, video, and more. Reflecting on the theme "White Sea Olive Groves," this thought-provoking exhibition is set to challenge global perspectives on art and society within the Mediterranean.

Among the 80 artists hailing from 23 countries participating in this event are a distinguished group of internationally acclaimed artists who have collectively exhibited works in major museums and cultural events globally. Having graced prominent venues in the United States, Europe, Latin America, and beyond, these artists are now bringing their inimitable talent and vision to Malta where they will unveil specially curated artworks and installations at some of the island's most prestigious heritage sites, transforming familiar landmarks into new and compelling contexts.

“On behalf of the maltabiennale.art team, it is a huge honour and privilege to be hosting such visionary international talent during this inaugural event on the Maltese islands. These artists contribute unique voices and perspectives to the interwoven themes of maltabiennale.art, and each installation invites audiences to appreciate the artwork, reflect on its meaning, and participate in meaningful conversations or dialogues inspired by the art and surrounding heritage sites. With such a high calibre of local and international talent presenting, this promises to be a fascinating arts and cultural experience that will enrich and inspire everyone who attends,” expresses Mario Cutajar, President and founder maltabiennale.art.

Among the leading artists exhibiting at maltabiennale.art are:

- Tania Bruguera is leading international artist and activist from Cuba who examines political power structures and their effect on injustice with her politically engaged art practices. A Senior Lecturer at Harvard University and the founding director of INSTAR, she has been awarded with The Velázquez Prize, Arnold Bode Prize, Robert Rauschenberg Award, and the Herb Alpert Award. She has shown at Documenta (2002, 2022), Venice Biennales (2001, 2005, 2009, 2015), Guggenheim Museum, MoMA, Tate Modern, MMK and the Museo Nacional de Bellas Artes de La Habana. During maltabiennale.art, Bruguera will participate in the Main Pavilion, under the theme of Can You Sea?: The Mediterranean as a Political Body.

- Austin Camilleri is a Maltese artist who works simultaneously and non-hierarchically in painting, installation, sculpture, video and drawing to present ideas of time and transience. Drawing mainly on Western art history, popular culture, and power image traditions, he has exhibited extensively in solo and group shows in museums, private galleries and public spaces in Europe, America and Asia. His works have also been shown at the Mediterranean Biennale, Ostrale Biennale and the Venice Biennale. Throughout maltabiennale.art, Camilleri's work will be on display as part of the Main Pavilion, reflecting on the theme of Decolonising Malta: Polyphony Is Us.

- Ibrahim Mahama uses the transformation of materials to explore themes of commodity, migration, globalisation and economic exchange. In recent years, Mahama opened the artist-run project space Savannah Centre for Contemporary Art (SCCA), Red Clay and Nkrumah Volini, all in his home country of Ghana. He presented internationally at the 22nd Biennale of Sydney; Stellenbosch Triennale; 6th Lubumbashi Biennale; 58th Venice Biennale; 56th Venice Biennale; Tel Aviv Art Museum, Israel; and others. At maltabiennale.art, Mahama will display his artwork at the Main Pavilion, focusing on the theme of Decolonising Malta: Polyphony Is Us.

- Salvadoran artist Guadalupe Maravilla grounds his transdisciplinary practice in activism and healing. Often resembling mythic creatures or ornate reliquaries, his works examine issues of migration, disease, and generational trauma, while creating new rituals for care, healing, and regeneration. Among the many galleries holding his works are MoMa, New York; the Solomon R. Guggenheim Museum; Museo Nacional Centro

de Arte Reina SofÃa; the Henie Onstad Kunstsenter, Oslo; among others. Maravilla's work will be showcased at the Main Pavilion at maltabiennale.art, under the theme Decolonising Malta: Polyphony Is Us.

- POST DISASTER is an interdisciplinary collective from Italy whose practice intersects spatial, performative, and editorial actions. Their research uses the metaphor of disaster as a territorial lens for understanding global dynamics and tensions. In 2018 they started ROOFTOPS, a critical spatial practice staged on the rooftops of Taranto in Italy; a city manifesto whose ecological crisis is the lens through which to investigate the role of extraction/production processes in relation to a wider Mediterranean context. Their work has been awarded by the Italian Ministry of Culture (2021) and exhibited, among others, at MAXXI Rome (2023), Venice Biennale of Architecture (2023), and CÃ Foscari University Venice (2022). POST DISASTER will present in the maltabiennale.art Main Pavilion, under the theme of The Counterpower of Piracy.

- French artist Laure Prouvost is known for her complex film installations that muddy the distinction between fiction and reality. She represented France at the 58th Venice Biennial in 2019 and participated in the Sydney Biennial in 2020. Her solo exhibitions have been featured at the Kunsthal Charlottenborg, Denmark; MUHKA, Belgium; Palais de Tokyo, Paris; Bass Museum in Miami; among many other galleries. At maltabiennale.art, Prouvost will showcase her installation as part of the Main Pavilion, under the theme of Can You Sea?: The Mediterranean as a Political Body.

- Hailing from Mexico, Pedro Reyes designs ongoing projects that propose playful solutions to social problems in what he describes as Social Sculptures. His solo exhibitions were held at SITE Santa Fe; MARTa Herford; Museum of Contemporary Art of Monterrey; MAAT, Lisbon; Museum Tinguely, Basel; SCAD, Georgia; Creative Time; Dallas Contemporary; La Tallera; Hammer Museum; ICA, Miami; The Power Plant, Toronto; Walker Art Center; Guggenheim Museum, New York; CCA Kitakyushu, and Bass Museum and San Francisco Art Institute. During maltabiennale.art, Reyes will participate in the Main Pavilion, under the theme of The Counterpower of Piracy.

- Cecilia Vicuña is a Chilean poet, artist, activist, and filmmaker whose work addresses pressing concerns of the modern world, including ecological

destruction, human rights, and cultural homogenization. Her work has been exhibited at Museo Nacional de Bellas Artes, Santiago; Museum of Contemporary Art Tucson; Tate Modern, London; Solomon R. Guggenheim Museum; among other museums and galleries of note. At maltabiennale.art, Vicuña will display her artwork at the Main Pavilion, focusing on The Matri-archive of the Mediterranean theme.

The excitement for this two-month long cultural celebration continues to build as artists add final touches to their installations. Before the official unveiling of the artists' works to the public, a special inaugural ceremony will take place on March 12 in the Throne Room of the Grandmaster's Palace, presided over by His Excellency the President of Malta, Dr. George Vella.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*